# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Mejju, 2001**

**Numru 31**

**Cit. Nru. 634/01 GCD**

**Flock Hatchers Company Limited**

**Vs**

**Charles u Marianne konjugi Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li qalet:

Illi l-konvenuti huma debituri versu s-socjeta` attrici fis-somma ta' elf tliet mija sebgha u erbghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm1,347.78), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' flieles lilhom konsenjati u mhux imhallsa kif jidher mill-"invoice" Dokument "A";

Illi l-konvenuti gew imsejha hafna drabi biex ihallsu, u dan anke permezz ta’ l-ittra bonarja datata 27 ta’ Lulju, 2000, izda baqghu ma hallsux;  u

Illi l-ammont dovut huwa veru, likwidu u skadut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet validi x’jopponu kontra t-talbiet attrici;

Talbet illi l-Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smigh a tenur ta’ l-artikolu 167 *et seq.* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta);  u

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf tliet mija sebgha u erbghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm1,347.78), rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ flieles lilhom konsenjati u mhux imhallsa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja datata 27 ta’ Lulju, 2000, u bl-imghaxijiet kummercjali, mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm